MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-22 ta' April, 2010

Numru. 329/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR PIERRE MICALLEF GRIMAUD**
**KONTRA**

**STEPHEN NAPPA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Stephen Nappa ta' 29 sena, bin Joseph u Eva nee' Cuschieri, mwieled il- Pieta' nhar l- 1 ta' Dicembru 1980, residenti 140/8 Triq San Nikola, Valletta u detentur tal-Karta tal- Identita' bin- numru 554480(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli fl- 1 ta' April 2010 ghal habta tal- 10.30pm, gewwa l-Knisja ta' Santu Wistin, fi Triq l- Ifran, il- Belt Valletta;

1) Bi kliem jew b' xi mezz iehor vizibbli, kasbar pubblikament ir- Religjon Kattolika Apostolika Rumana, illi hija r- Religjon ta' Malta, nkella offenda r- Religjon Kattolika Apostolika Rumana billi kasbar lil dawk li huma ta' din ir- Religjon jew il- Ministri taghha, jew kull haga lit kun oggett ta' devozzjoni tar- Religjon Kattolika Rumana jew lit kun ikkonsagrata jew iddestinata biss ghad-devozzjoni ta' din ir- Religjon ai terminu tal- Artikolu 163 tal- Kapitolu 9;

2) Ma hallix li ssir jew fixkel funzjoni, cerimonja, jew servizz religjuz tar- Religjon Kattolika Apostolika Rumana jew ta' religjon ohra tollerrata mill- Ligi, illi jsiru bil-ghajnuna ta' ministru tar- religjon jew f' lok ta' qima jew f' lok pubbliku jew miftuh ghall- pubbliku ai terminu tal-Artikolu 165 (1) (2) tal- Kapitolu 9;

3) Bi kliem hedded li kien sejjer jahraq haj lil Rev Fr. Saviour Grima OSA, Kappillan tal- Parrocca Santu Wistin ai terminu tal- Artikolu 339 (1) (e) tal- Kapitolu 9, 249 (2) tal- Kapitolu 9;

4) Bl- imgieba tieghu ikkaguna lil haddiehor jibza' li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l- propjeta' tieghu ai terminu tal- Artikolu 251 (B) tal- Kapitolu 9;

5) Dagha fil- pubbliku ai terminu tal- Artikolu 342 tal-Kapitolu 9;

6) Bil- hsieb li jtellef jew inaqqas il- gieh ta' xi hadd, iwegghu bi kliem, b' gesti, b' kitba, b' disinji jew b' xi mod iehor ai terminu tal- Artikolu 252 tal- Kapitolu 9;

7) Aghmel lil haddiehor ingurji jew theddid, jew jekk kien ipprovokat, ingruja b' mod li hareg mil- limit ital-prvokazzjoni ai terminu tal- Artikolu 339 (e) tal- Kapitolu 9;

8) Gewwa l- Knsija, qal kliem fil- pubbliku xi kliem oxxen jew indecenti, jew ghamel atti jew gesti oxxeni, jew b' xi mod iehor li mhux provdut fil- Kodici Kriminali, offenda l- morali, l- imgieba xierqa jew id- decenza pubblika ai terminu tal- Artikolu 338 (bb) tal- Kapitolu 9;

9) Bil- lejl, kiser il- mistrieh tan- nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b' mod iehor ai terminu tal- Artikolu 338 (m) tal- Kapitolu 9

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

Rat illi, ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 392A, bl-ammissjoni tal-imputat fl-aktar stadju bikri f' dawn il-proceduri, din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Struttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali, u ghalhekk setghet tghaddi ghas-sentenza minnufih;

Rat illi l-vittma tal-aggressjoni, Rev Fr Saviour Grima, accetta l-iskuzi tal-imputat u ddikjara li kien lest jahfer lill-imputat ghall-incident kollu;

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-kawza giet ammessa mill-imputat fl-aktar stadju bikri f' dawn il-proceduri, u ghaldaqstant il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza. L-incident fih innifsu kien jikkonsisti f'li l-imputat, nhar Hamis ix-Xirka ta' dis-sena, mar gewwa l-knisja ta' Santu Wistin il-Belt, u hemmhekk

hedded lil Fr Grima li kien ser jaharqu haj u qabad jaghmel kjass shih. Ma naqasx ukoll xi tlissin ta' kliem u esspressjonijiet ta' dagha. Kienu x'kienu r-ragunijiet ghal din l-aggressjoni gratuwita, ma jista' qatt jigi ggustifikat l-agir ta' min igib ruhu bhal ma ghamel l-imputat f' dan il-kaz. Ghalhekk, in vista tal-ammissjoni tieghu, il-Qorti sejra taghti sentenza lill-imputat ta' prigunerija effettiva, tenut kont ukoll tal-fedina penali tieghu u tal-attribut tar-recidiva.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 163, 165 (1) (2), 339 (1) (e), 249 (2), 251 B, 342, 252, 339 (e), 338 (bb) u 338 (m) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah ghaxar (10) xhur prigunerija. Tordna l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412 C tal- Kapitolu 9 ghal sentejn favur Rev. Fr. Saviour Grima, kif ukoll li, inkorporat fl-istess Ordni, l-imputat hu obbligat li ma jersaqx lejn il- Knsija u l-Kunvent ta' Santu Wistin il- Belt.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------